MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 2656/2002

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society**

**Vs**

**Stephen Galea**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm25.42c (hamsa u ghoxrin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu) dovuta bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja numru 011497 rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment "Regina 2000 Snack Bar" Marsa, ghall-perjodu mis-6 ta' Mejju, 2002 sal-5 ta' Mejju, 2003.

Is-socjeta' attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-

Avviz, komprizi dawk tal-ittra legali tal-31 ta' Lulju, 2002, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------